II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1940

tat-13 ta' Lulju 2017

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontenut u tal-format ta' ċertifikati żootekniċi maħruġa għal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina inklużi f'dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku għall-equidae

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tnissil tal-annimali ("ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/1012 jistabbilixxi regoli żootekniċi u ġenealoġiċi għall-kummerċ ta' annimali għat-tnissil, u għad-dħul tagħhom fl-Unjoni. Ir-Regolament (UE) 2016/1012 japplika mill-1 ta' Novembru 2018.

(2) L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/1012 jistabbilixxi r-regoli għall-ħruġ, il-kontenut u l-format ta' ċertifikati żootekniċi li jakkumpanjaw annimali għat-tnissil u l-prodotti ġerminali tagħhom ("iċ-ċertifikat żootekniku"). Dan jipprevedi li fejn annimali ta' razza pura għat-tnissil li jkunu ddaħħlu fi ktieb tat-tnissil minn soċjetà tat-tnissil jiġu nnegozjati u fejn dawk l-annimali ta' razza pura għat-tnissil huma maħsuba biex jiddaħħlu fi ktieb tat-tnissil ieħor, dawk l-annimali għat-tnissil iridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat żootekniku.

(3) L-Artikolu 30(6) tar-Regolament (UE) 2016/1012 jistipula li ċ-ċertifikati żootekniċi għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita fil-Partijiet u fil-Kapitoli rilevanti tal-Anness V ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) 2016/1012 jipprevedi li, b'deroga mill-Artikolu 30(6) tiegħu, fil-każ ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina, l-informazzjoni stabbilita fil-Kapitolu I tal-Parti 2 tal-Anness V tiegħu għandha tkun inkluża f'dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku għall-*equidae* u għandhom jiġu adottati atti delegati dwar il-kontenut u l-format ta' tali dokumenti ta' identifikazzjoni.

(4) Il-Kapitolu I tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2016/1012 jistabbilixxi regoli dwar l-informazzjoni li trid tiġi inkluża fiċ-ċertifikat żootekniku għal annimali ta' razza pura għat-tnissil. Dik l-informazzjoni trid tinkludi s-sistema ta' identifikazzjoni u n-numru ta' identifikazzjoni indivdwali mogħti lill-annimali ta' razza pura għat-tnissil b'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar is-saħħa tal-annimali dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali tal-ispeċi kkonċernata.

(5) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi rekwiżiti ta' traċċabbiltà tal-annimali terrestri miżmuma u tal-prodotti ġerminali. L-Artikolu 114 ta' dak ir-Regolament jipprevedi li

([1]) ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

l-operaturi li jżommu annimali miżmuma tal-ispeċi ekwina għandhom jiżguraw li dawk l-annimali jiġu identifikati individwalment b'kodiċi uniku li jiġi rreġistrat fil-bażi ta' dejta kompjuterizzata prevista f'dak ir-Regolament u b'dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku li jimtela b'mod korrett. Sabiex iċ-ċertifikat żootekniku jkun armonizzat kemm jista' jkun ma' dak id-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku fir-rigward tal-kontenut u tal-proċedura amministrattiva, ir-Regolament (UE) 2016/1012 ippreveda li l-atti delegati jiġu adottati fir-rigward tal-format u tal-kontenut ta' dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku għall-annimali tal-ispeċi ekwina.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-kontenut u l-format taċ-ċertifikat żootekniku li jrid ikun inkluż f'dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku għall-*equidae*, li bih l-*equidae* jridu jiġu identifikati b'konformità mal-Artikolu 114(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/429, u li jrid jakkumpanja lill-annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina f'kull ħin, inkluż meta dawn jiġu nnegozjati fl-Unjoni.

(7) L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2016/1012 jistabbilixxi derogi mir-rekwiżiti dwar il-ħruġ, il-kontenut u l-format ta' ċertifikati żootekniċi għall-kummerċ ta' annimali għat-tnissil. Dan jipprevedi li meta r-riżultati tal-kontroll tal-prestazzjoni jew tal-evalwazzjoni ġenetika jkunu disponibbli pubblikament fuq sit web, fiċ-ċertifikat żootekniku jista' jkun hemm referenza għas-sit web minn fejn wieħed ikun jista' jara dawk ir-riżultati, minflok ma jiġu inklużi fiċ-ċertifikat żootekniku. Dik il-possibbiltà jenħtieġ li tkun riflessa fir-rekwiżiti għaċ-ċertifikat żootekniku għall-kummerċ ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(8) Il-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1012 tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali għas-soċjetajiet tat-tnissil li jistabbilixxu jew iżommu kotba tat-tnissil għal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina. B'konformità mal-punt 1 tal-Parti 3 ta' dak l-Anness, l-annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina għandhom jiddaħħlu biss fi ktieb tat-tnissil fejn jiġu identifikati permezz ta' ċertifikat ta' kopertura u, fejn meħtieġ mill-programm ta' tnissil, bħala "moħor mhux miftum minn ommu". B'deroga minn dik ir-regola, Stat Membru jew, jekk huwa hekk jiddeċiedi, l-awtorità kompetenti tiegħu, jistgħu jawtorizzaw soċjetà tat-tnissil biex iddaħħal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina fil-ktieb tat-tnissil miżmum minn dik is-soċjetà tat-tnissil fejn dawk l-annimali jiġu identifikati b'kull metodu ieħor adatt li jipprovdi tal-anqas l-istess grad ta' ċertezza bħal ċertifikat ta' kopertura, bħal kontroll tal-parentela bbażat fuq analiżi tad-DNA jew fuq analiżi tal-gruppi tad-demm tagħhom, sakemm din l-awtorizzazzjoni timxi skont il-prinċipji stabbiliti mis-soċjetà tat-tnissil li żżomm il-ktieb tat-tnissil tal-oriġini ta' dik ir-razza.

(9) Filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 tal-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1012, l-informazzjoni dwar iċ-ċertifikat ta' kopertura, dwar l-identifikazzjoni bħala "moħor mhux miftum minn ommu" u dwar ir-riżultati tal-kontroll ta' parentela, jenħtieġ li tkun riflessa fir-regoli dwar il-kontenut taċ-ċertifikati żootekniċi għal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(10) Sabiex tkun żgurata l-uniċità u l-kontinwità tal-identifikazzjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina u b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 1(c) u 3 tal-Kapitolu I tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1012, il-kodiċi uniku kif previst fl-Artikolu 114(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429, u l-isem ta' tali annimali għat-tnissil jenħtieġ li jiġu inklużi fiċ-ċertifikat żootekniku għall-kummerċ bħala parti mid-dettalji tal-identifikazzjoni tiegħu.

(11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 ([1]) jirrikjedi korp emittenti, inklużi l-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet li jkunu stabbilew jew li jżommu kotba li jkun fihom ir-razez taż-żwiemel għall-*equidae* rreġistrati, li jassenja lil kull annimal ekwin numru permanenti uniku, li jiġbor f'kodiċi alfanumeriku informazzjoni dwar l-annimali ekwin individwali u l-bażi ta' dejta u l-pajjiż fejn din l-informazzjoni tkun ġiet irreġistrata l-ewwel darba. Dan in-numru permanenti uniku jrid ikun kompatibbli mas-sistema tan-Numru Universali Permanenti tal-Ekwini (UELN).

(12) Intlaħaq qbil dwar is-sistema UELN bejn l-organizzazzjonijiet ewlenin tar-riproduzzjoni taż-żwiemel u tal-kompetizzjonijiet. Din is-sistema ġiet żviluppata fuq l-inizjattiva tal-World Breeding Federation for Sport Horses (WBFSH), l-International Stud-Book Committee (ISBC), il-World Arabian Horse Organization (WAHO), il-European Conference of Arabian Horse Organisations (ECAHO), il-Conférence internationale de l'anglo-arabe (CIAA), il-Fédération equestre internationale (FEI) u l-Union européenne du trot (UET) u tista' tinstab informazzjoni dwarha fuq is-sit web tal-UELN ([2]).

(13) Il-format u l-kontenut tan-numru ta' identifikazzjoni individwali msemmi fil-punt 3 tal-Kapitolu I tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1012 ma jistgħux jiġu deċiżi sakemm l-atti delegati li jistabbilixxu r-rekwiżiti dettaljati għall-mezzi u għall-metodi ta' identifikazzjoni, inklużi l-applikazzjoni u l-użu tagħhom, ikunu ġew

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-*equidae* (Regolament dwar il-Passaport Ekwin) (ĠU L 59, 3.3.2015, p. 1).

([2]) http://www.ueln.net

adottati b'konformità mal-Artikolu 118(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429. Madankollu, fiċ-ċertifikat żootekniku jenħtieġ li jkun hemm partijiet fejn jiddaħħal in-numru permanenti uniku assenjat lill-annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262.

(14) Sal-21 ta' April 2021, li hija d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, il-Parti I taċ-ċertifikat żootekniku stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija fakultattiva jekk dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku għall-*equidae* jinkludi t-Taqsima V tal-mudell tad-dokument ta' identifikazzjoni stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262.

(15) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun applikabbli mill-1 ta' Novembru 2018 b'konformità mad-data tal-applikazzjoni prevista fir-Regolament (UE) 2016/1012,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kontenut u l-format taċ-ċertifikat żootekniku li jifformaw parti mid-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku għal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina, previst fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) 2016/1012 ("iċ-ċertifikat żootekniku"), għandhom jiġu ppreżentati kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-Partijiet I u II taċ-ċertifikat żootekniku għandhom jiġu inklużi f'dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku għal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina li jkun inħareġ b'konformità mal-Artikolu 114(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/429 u jikkonformaw ma' dan li ġej:

(a) Il-Parti I għandha tkun Taqsima tad-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku li jrid jiġi stabbilit b'konformità mal-Artikolu 118(2)(b) tar-Regolament (UE) 2016/429;

(b) Il-Parti II għandha tkun jew:

(i) parti mit-Taqsima msemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu, f'liema każ iridu jiġu pprovduti aktar minn paġna waħda li juru dik il-Parti II, għall-aġġornamenti tal-informazzjoni, jew

(ii) fejn ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti b'konformità mal-Artikolu 32(4) tar-Regolament (UE) 2016/1012, mehmuża mad-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku, f'liema każ għandha tkun marbuta mal-Parti I imsemmija fil-punt (a) ta' dan l-Artikolu permezz tad-dħul tan-numru ta' identifikazzjoni individwali, imsemmija bħala l-"kodiċi uniku" fl-Artikolu 114(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429.

Artikolu 3

1. Mill-1 ta' Novembru 2018, it-Taqsima V tad-dokument ta' identifikazzjoni maħruġ għal annimal ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262 għandha timtela b'konformità mal-Artikolu 9(2) tiegħu u, fejn ikun meħtieġ għall-finijiet tal-Artikolu 30(4) tar-Regolament (UE) 2016/1012, tiġi ssupplimentata bil-Parti II taċ-ċertifikat żootekniku kif deskritt fl-Artikolu 2(b)(ii) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Parti II taċ-ċertifikat żootekniku għandha tiġi mehmuża mad-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku maħruġ b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262 u għandha tkun marbuta maċ-ċertifikat tal-oriġini kif stabbilit fit-Taqsima V tal-Parti 1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament billi jiddaħħal in-numru permanenti uniku kif definit fl-Artikolu 2(o) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Novembru 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Ċertifikat żootekniku

għall-kummerċ ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina (*Equus caballus* u *Equus asinus*), b'konformità mal-Kapitolu I tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2016/1012

PARTI I

1. L-isem tas-soċjetà tat-tnissil li toħroġ iċ-ċertifikat jew tal-awtorità kompetenti
(ipprovdi d-dettalji ta' kuntatt u, fejn disponibbli, referenza għas-sit web)

2. L-isem tal-ktieb tat-tnissil	3. L-isem tar-razza
4. L-isem u l-isem kummerċjali tal-annimal (1) u l-kodiċi tal-pajjiż tat-twelid (2)	5.1. In-numru ta' identifikazzjoni individwali (3)
6. In-numru tal-ktieb tat-tnissil (5)	5.2. In-numru permanenti uniku (4) ☐☐☐-☐☐☐-☐☐☐ ☐☐☐ ☐☐☐

7. L-identifikazzjoni tal-annimal (1) (6)

7.1. Il-kodiċi tat-transponder (1) ☐☐☐ ☐☐☐ ☐☐☐ ☐☐☐ ☐☐☐
Is-sistema tal-qari (*jekk mhux ISO 11784*) (1)
Il-barcode (1)

7.2. Il-metodu alternattiv għall-verifika tal-identità (1)

8. Id-data tat-twelid tal-annimal *(uża l-format jj/xx/ssss)*	9. Il-pajjiż tat-twelid tal-annimal

10. L-isem, l-indirizz u l-indirizz tal-posta elettronika (1) tan-nissiel

11. Il-pedigree (7) (8)

11.1. Missier In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	11.1.1. In-nannu patern In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	11.1.1.1. (1) Il-bużnannu patern In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	
		11.1.1.2. (1) Il-bużnanna paterna In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	

	11.1.2. In-nanna paterna In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	11.1.2.1. ([1]) Il-bużnannu patern In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	
		11.1.2.2. ([1]) Il-bużnanna paterna In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	
11.2. L-omm In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	11.2.1. In-nannu matern In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	11.2.1.1. ([1]) Il-bużnannu matern In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	
		11.2.1.2. ([1]) Il-bużnanna materna In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	
	11.2.2. In-nanna materna In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	11.2.2.1. ([1]) Il-bużnannu matern In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	
		11.2.2.2. ([1]) Il-bużnanna materna In-numru u t-taqsima tal-ktieb tat-tnissil	

12.1. Magħmul fi *(niżżel il-post tal-ħruġ)*	12.2. Magħmul fi *(niżżel id-data tal-ħruġ fil-format jj/xx/ssss)*
12.3. L-isem u l-kapaċità tal-firmatarju *(niżżel b'ittri kbar l-isem u l-kapaċità tal-individwu ([9]) awtorizzat mis-soċjetà tat-tnissil li toħroġ iċ-ċertifikat jew mill-awtorità kompetenti li tiffirma din il-parti taċ-ċertifikat żootekniku)*	12.4. Firma

([1]) Ħalliha vojta jekk mhux applikabbli.
([2]) Niżżel il-kodiċi tal-pajjiż fejn dan ikun meħtieġ minn ftehimiet internazzjonali dwar ir-razza.
([3]) In-numru tal-identifikazzjoni individwali skont il-punt 3 tal-Kapitolu I tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1012, imsejjaħ bħala "kodiċi uniku" fl-Artikolu 114(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429.
([4]) In-numru permanenti uniku kif definit fl-Artikolu 2(o) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262, jekk ikun assenjat b'konformità ma' dak ir-Regolament.
([5]) Meħtieġ jekk ikun differenti min-numru ta' identifikazzjoni individwali jew min-numru permanenti uniku assenjat b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262.
([6]) Mhux meħtieġa jekk il-Parti I taċ-ċertifikat żootekniku tkun parti integrali mid-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku maħruġ minn soċjetà tat-tnissil. Jekk id-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku jkun inħareġ b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262, għandu jiġi indikat in-numru permanenti uniku kif definit fl-Artikolu 2(o) ta' dak ir-Regolament.
([7]) Jekk ikun meħtieġ, inkludi ġenerazzjonijiet addizzjonali fil-punt 11 tal-Parti I.
([8]) Niżżel in-numru ta' identifikazzjoni individwali skont il-punt 3 tal-Kapitolu I tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1012, imsemmi bħala "kodiċi uniku" fl-Artikolu 114(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429. Jekk in-numru ta' identifikazzjoni individwali mhuwiex disponibbli jew huwa differenti min-numru li taħtu huwa mniżżel l-annimal fil-ktieb tat-tnissil, niżżel in-numru tal-ktieb tat-tnissil.
([9]) Dak l-individwu għandu jkun rappreżentant mis-soċjetà tat-tnissil jew mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 30(2)(b) tar-Regolament (UE) 2016/1012.

PARTI II

1.1. In-numru ta' identifikazzjoni individwali (1) 1.2. In-numru permanenti uniku (2) □□□-□□□-□□□□□□□□□	2. L-identifikazzjoni tal-annimal (3) 2.1. Il-kodiċi tat-transponder (4) □□□ □□□ □□□ □□□ □□□ Is-sistema tal-qari (*jekk mhux ISO 11784*) (4) Il-barcode (4)
3. Is-sess	2.2. Il-metodu alternattiv għall-verifika tal-identità (3)
4. Il-klassi fit-taqsima ewlenija tal-ktieb tat-tnissil (4) 4.1. L-isem tal-ktieb tat-tnissil (5) 4.2. Il-klassi fit-taqsima ewlenija (6)	5. L-isem, l-indirizz u l-indirizz tal-posta elettronika (4) tas-sid (7)

6. Informazzjoni addizzjonali (4) (8) (9)
6.1. Ir-riżultati tal-ittestjar tal-prestazzjoni
6.2. Ir-riżultati aġġornati tal-evalwazzjoni ġenetika li twettqet l-aħħar fi *(niżżel id-data fil-format jj/xx/ssss)*
6.3. Id-difetti ġenetiċi u l-pekuljaritajiet ġenetiċi tal-annimal b'rabta mal-programm tat-tnissil

6.4. Is-sistema tal-kontroll tal-identità u r-riżultat (4) (10) (11)	6.5. Ir-riżultati tal-kontroll ta' parentela (4) (10) (12)

7. L-inseminazzjoni/it-tgħammir (13) (14)
7.1. Data *(uża l-format jj/xx/ssss)*
7.2. In-numru taċ-ċertifikat ta' kopertura (15)
7.3. L-identifikazzjoni tal-annimal raġel donatur
7.3.1. In-numru ta' identifikazzjoni individwali (1)
7.3.2. In-numru permanenti uniku (2) □□□-□□□-□□□□□□□□□

7.3.3. Is-sistema tal-kontroll tal-identità u r-riżultat (4) (10) (11)	7.3.4. Ir-riżultati tal-kontroll ta' parentela (4)

8.1. Magħmul fi *(niżżel il-post tal-ħruġ)*	8.2. Magħmul fi *(niżżel id-data tal-ħruġ fil-format jj/xx/ssss)*	
8.3. L-isem u l-kapaċità tal-firmatarju *(niżżel b'ittri kbar l-isem u l-kapaċità tal-individwu ([16]) awtorizzat mis-soċjetà tat-tnissil li toħroġ iċ-ċertifikat jew mill-awtorità kompetenti li tiffirma din il-parti taċ-ċertifikat)*		8.4. Firma

([1]) In-numru tal-identifikazzjoni individwali skont il-punt 3 tal-Kapitolu I tal-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/1012, imsejjaħ bħala "kodiċi uniku" fl-Artikolu 114(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429.

([2]) In-numru permanenti uniku kif definit fl-Artikolu 2(o) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262, jekk ikun assenjat b'konformità ma' dak ir-Regolament.

([3]) Mhux meħtieġ jekk l-informazzjoni tikkorrispondi għall-informazzjoni fil-punt 7 tal-Parti I u l-Partiijiet I u II huma ħaġa waħda u indiviżibbli u jinsabu fid-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku jew huma meħmuża miegħu. Jekk id-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku jkun inħareġ b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262, għandu jiġi indikat in-numru permanenti uniku kif definit fl-Artikolu 2(o) ta' dak ir-Regolament.

([4]) Ħalliha vojta jekk mhux applikabbli.

([5]) Meħtieġ jekk huwa differenti mill-punt 2 tal-Parti I.

([6]) Mhix meħtieġa meta din l-informazzjoni tkun ipprovduta fit-Taqsima V tad-dokument ta' identifikazzjoni maħruġ skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/262.

([7]) Mhux meħtieġa jekk l-informazzjoni dwar is-sid tkun disponibbli u aġġornata f'partijiet oħra tad-dokument ta' identifikazzjoni permanenti uniku.

([8]) Jekk meħtieġ, uża aktar karti.

([9]) Jekk dik l-informazzjoni ġenetika tista' tiġi aċċessata minn fuq sit web, tista' minflok tingħata referenza għal dak is-sit web, jekk ikun awtorizzat mill-awtorità kompetenti b'konformità mal-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE) 2016/1012.

([10]) Abbażi ta' analiżi tad-DNA jew ta' analiżi tal-grupp tad-demm tiegħu.

([11]) Meħtieġa skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) 2016/1012 għal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina użati għall-ġbir ta' semen għal inseminazzjoni artifiċjali. Tista' tkun meħtieġa mis-soċjetajiet tat-tnissil skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2016/1012 għal annimali ta' razza pura għat-tnissil tal-ispeċi ekwina użata għall-ġbir ta' ooċiti u embrijuni.

([12]) Jekk meħtieġa mill-programm ta' tnissil.

([13]) Meħtieġa fil-każ ta' nisa tqal. L-informazzjoni tista' tkun indikata f'dokument separat.

([14]) Ħassar kif xieraq.

([15]) Jekk mhux applikabbli, ipprovdi r-riżultati tal-kontroll tal-ġenituri fil-punt 7.3.4.

([16]) Dak l-individwu għandu jkun rappreżentant mis-soċjetà tat-tnissil jew mill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 30(2)(b) tar-Regolament (UE) 2016/1012.